# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 15 – IL-ĠIMGĦA 27 TA' DIĊEMBRU 2013

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier (Skużat) |

Ma kienx hemm persuni jattendu ħlief għas-Sur Matthew Seychell, l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 14**

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija. Ma kien hemm ebda emenda xi ssir u għaldaqstant ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI**

2.1 Fir-rigward ta' para. 3.9, is-SE infurmat li kienet attendiet għall-firem tal-kuntratt tal-proġett tal-bosk. Hija infurmat li sadanittant il-Perit kien ikkonferma li l-permess tal-MEPA ma kienx għadu qed jobbliga lill-Kunsill biex ineħħi s-siġar kollha u għaldaqstant kien hemm bżonn li l-Kunsill jikkunsidra eżatt kif se jipproċedi. Hawnhekk, il-Kunsill qabel li jaqla' biss dawk is-siġar li hemm bżonn li jinqalgħu (għaliex mejtin, jew qegħdin fil-parti tal-passaġġ, eċċ) u minflok issir ittra lill-Managing Authority sabiex il-flus li ma jintefqux possibbilment jintużaw għal ġibjun. Hawnhekk is-SE fakkret lill-Kunsilliera li nhar il-Ħamis 9 ta' Jannar kienet se tinżamm il-laqgħa ta' informazzjoni dwar il-proġett u għaldaqstant ħeġġet lil kulħadd sabiex jattendi. Hija infurmat li matul din il-laqgħa l-Perit tal-Kunsill u s-Sur Alfred Baldacchino kienu se juru *power point presentations* biex min jattendi jifhem aħjar dak li qed jiġi spjegat.

**3. KOMMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

3.1 Is-Sindku informa li aktar kmieni dakinhar kienet inżammet konferenza stampa min-naħa tal-Ministru Mizzi ġewwa l-bandli. Huwa qal li l-Kunsill kien irċieva l-

kommunikazzjoni min-naħa tal-Ministeru l-Ħamis filgħodu dwar iż-żjara uffiċjali li se ssir mill-Ministru Mizzi u bħal kumplament tal-Kunsilliera, kien iħoss li ma kienx ġust li l-Kunsill għandu jiġi infurmat daqstant tard. Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud issuġġerixxa li qed jintqal li dan kien il-ftuħ uffiċjali u għaldaqstant kemm-il darba dan mhux minnu, huwa jħoss li l-Kunsill għandu jagħmilha bil-miktub. Il-Kunsill iżda qabel li m'għandux joqgħod jargumenta dwar dan anke fid-dawl li s-Sindku kien issuġġerixxa li jsir ftuħ uffiċjali min-naħa tal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jivverifika jekk hemmx xi data meta dan il-ġnien kien se jiġi devolut lilu. Sadanittant, fuq proposta tas-Sindku, kien hemm qbil unanimu li, sakemm ikun loġistikament possibbli, il-Kunsill jagħmel il-ftuħ uffiċjali nhar is-Sibt 9 ta' Frar 2014. Il-Kunsill kollu qabel mal-proposta tal-Viċi Sindku sabiex possibbilment tinxtara u titpoġġa xi bandla/struttura tal-logħob għal persuni b'diżabbilità.

3.2 Hawnhekk il-Viċi Sindku skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien is-6:30pm.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u mis-SE.

4.2 Is-SE preżentat rapport li juri d-dħulijiet li kellu l-Kunsill matul ix-xahar ta' Novembru. Kopja tiegħu hija annessa.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-*QUARTERLY REPORT* (LULJU-SETTEMBRU)

5.1 L-accountant preżenta kopja tal-*quarterly report* għall-perjodu Lulju u Settembru. Dan ġie approvat.

## 6. ESITU MIL-LAQGĦA MAL-AWTORITÀ TAD-DJAR – TRIQ G. CARAFFA U BINJA MSIERAĦ

6.1 Is-Sindku informa li kienet saret il-laqgħa mas-Sinj. Vassallo, *Chairperson* tal-Awtorità tad-Djar. Huwa informa li fir-rigward ta' Triq Gregorio Caraffa, din kienet infurmat li m'għandhiex flus biex tagħmel tajjeb għax-xogħol ħażin li kien sar oriġinarjament min-naħa tal-kuntrattur tal-Awtorità u għaldaqstant kien hemm qbil bejn il-Kunsill li jitpoġġa arblu temporanju bi *floodlight* sabiex idawwal it-triq sakemm tiġi rranġata parti mis-sistema tal-elettriku min-naħa tal-Kunsill. Kien hemm qbil li sabiex itaffi l-problema u jżomm l-ispejjeż baxxi, għandu jitpoġġa arblu ieħor b'żewġ floodlights fuq in-naħa ta' wara fil-passaġġ. Kien hemm qbil li għalkemm se jkun qeda lir-residenti mill-aħjar li jista', il-Kunsill xorta se jibqa' jinsisti mal-Awtorità tad-Djar sabiex tirranġa l-ħsara li żviluppat fis-sistema tad-dawl.

6.2 Fir-rigward tad-dawl ta' Binja Msieraħ, is-SE infurmat li għalkemm is-CEO preċedenti kien wiegħed bil-miktub li kien lest li jagħmel tajjeb għall-*fixtures*, iċ-*Chairperson* kienet ukoll insistiet li mhux se toħroġ flus biex tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' dawl fil-passaġġ ta' Binja Msieraħ. Għaldaqstant fuq deċiżjoni tal-Kunsill li jiġi mdawwal dan il-passaġġ, intbagħtet ittra lir-residenti sabiex jitwaħlu *floodlights* mal-apromorta u dawn intalbu jikkonfermaw bil-miktub li m'għandhomx oġġezzjoni.

6.3 Is-Sindku informa li ċ-*Chairperson* ma sabitx oġġezzjoni fil-prinċipju li l-Kunsill jingħata l-kamra tal-periti b'kera għal numru ta' snin. Huwa informa li kien tkellem ukoll mal-Kappillan minħabba li parti żgħira minnha hija tal-Knisja u dan ukoll wera kooperazzjoni min-naħa tagħhom biex eventwalment din il-kamra tinkera għall-użu tal-Kunsill.

6.4 Is-Sindku informa li kien talab ukoll għad-devoluzzjoni tat-torri tal-ilma. Iċ-*Chairperson* kienet infurmatu li ma kinitx issib oġġezzjoni fil-prinċipju għal dan u għaldaqstant talbet lill-Kunsill sabiex jagħmel talba formali.

6.5 Is-Sindku spjega wkoll li kien għamel talba sabiex il-biċċa art vojta li hemm bejn il-*Club House* u l-*Gym* tad-Depiro u li skont il-ftehim iffirmat bejn id-Depiro u l-Awtorità tad-Djar, dawn kellhom jiżviluppawha fi żmien għaxar snin. Iċ-*Chairperson* talbet lis-Sindku sabiex jibgħat ittra formali bl-avukat fejn isostni dan u jagħmel ukoll it-talba formali sabiex din l-art tgħaddi f'idejn ir-responsabbiltà tal-Kunsill.

6.6 Is-Sindku informa wkoll li ċ-*Chairperson* kienet qablet mal-proposta tal-Kunsill li jiżviluppa ż-żona ta' bejn l-arblu tal-BFBS u l-garaxx tad-Drama Group. Kienet infurmat ukoll li l-Kunsill seta' jdaħħal proposti għall-użu tal-binja li hemm biswit l-arblu tal-BFBS għaliex il-persuna li qed tokkupa din il-binja fil-preżent kellha ftehim mal-Awtorità li tista' tokkupaha biss sakemm l-Awtorità ma tinfurmahx li sabet skop alternattiv għaliha.

6.7 Finalment is-Sindku informa wkoll li aktar kmieni dik il-ġimgħa, huwa, is-SE u l-Periti tal-Kunsill suppost li kellhom jiltaqgħu mal-Onorevoli Jose Herrera dwar il-binja magħrufa bħala tal-karnival izda din il-laqgħa kienet tħassret.

## 7. Punti Oħra

7.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li kellha l-obbligu li tinforma lill-Ministru dwar il-fatt li l-Kunsillier Bugeja kien ġie skużat għal numru ta' laqgħat konsekuttivi. Hawnhekk kien hemm qbil unanimu li s-SE kellha tibgħat l-ittra lill-Ministru u tinfurmah li hija x-xewqa tal-Kunsill li jistenna sakemm il-Kunsillier Bugeja jkun b'saħħtu biżżejjed biex jirritorna jagħti s-servizz tiegħu lill-komunità tal-Imtarfa.

7.2 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech, is-SE infurmat li kienet ġiet infurmata min-naħa tal-MAGF li l-applikazzjoni għall-fondi sabiex tiġi rranġata l-pjazzetta ta' Triq San Oswald ma ġietx milqugħa minħabba li sal-ġurnata li ddaħħlet l-applikazzjoni, il-Kunsill ma kellux f'idu kopja tad-DNO. Min-naħa l-oħra kien hemm qbil li ladarba issa l-Kunsill għandu l-permessi kollha neċessarji, kien f'pożizzjoni tajba sabiex meta jerġgħu jiftħu s-sejħiet, terġa' ssir l-applikazzjoni mill-ġdid.

7.3 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech, is-SE infurmat li kienet għadha qed tistenna aktar informazzjoni dwar il-każ tas-Sinjuri Zahra kontra l-Kunsill Lokali.

7.4 Is-Sindku fakkar lis-SE sabiex tieħu ħsieb tibgħat l-applikazzjonijet għad-dawl għal Binja Qlejgħa u Binja Msieraħ.

## 8. Aġġornament

8.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7:15pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ġimgħa 24 ta' Jannar fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Daniel John Attard**<br>**Sindku** |